**Nomina għas-Sħubija f'ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA jew**
**fl-ORDNI NAZZJONALI TAL-MERITU**
**jew għall-Għoti ta' MIDALJA TAR-REPUBBLIKA**

**KUNFIDENZJALI**
(meta mimlija)

NOTA: Għandha timtela b'ittri kbar jew b'*typewriter*. Ara d-dettalji fuq wara ta' din il-Formola.

## DETTALJI TAL-PERSUNA LI QED TIĠI NOMINATA

Dawn il-materji huma kunfidenzjali u dak li jiġi nominat m'għandux jiġi avviċinat direttament għad-dettalji. Jekk wieħed ma jafhomx jekk jogħġbu jgħid hekk skond il-każ.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kunjom:<br><br>Ismijiet (Sħaħ): | Indirizz tad-Dar:<br><br>Indirizz ta' l-Uffiċċju: | | |
| Isem tar-Raġel/Mara: | Nru. tat-telefon: | | Nru. ta' l-ID: |
| | Tad-Dar | Ta' l-Uffiċċju | |
| Gradi Universitarji, Unuri, eċċ: | | Data tat-Twelid | Post tat-Twelid |

Jekk Ċittadin ta' Malta b'Naturalizazzjoni wieħed għandu jagħti:
a) Data ta' meta wasal Malta:
b) Dettalji taċ-Ċertifikat tan-Naturalizazzjoni:

Hawn taħt (u jkompli fuq karta oħra jekk hemm bżonn) wieħed għandu jagħti d-dettalji ta' l-attivitajiet tal-persuna li qed tiġi nominata u r-raġunijiet li għalihom għandha tirċievi għarfien speċjali mill-Gvern u l-poplu ta' Malta.

## DETTALJI TAL-PERSUNA/ORGANIZAZZJONI LI QED TISSOTTOMETTI N-NOMINA

L-informazzjoni li ġejja dwar il-persuna/organizazzjoni li qiegħda tagħmel din ir-rakkomandazzjoni hija meħtieġa biex tgħin lill-Kumitat tan-Nomini jikseb aktar tagħrif, jekk ikun meħtieġ.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kunjom:<br><br>Isem (sħiħ): | Nru. tat-telefon: | | Nru. ta' l-I.D. |
| | Tad-Dar | ta' l-Uffiċċju | |
| Indirizz: Tad-Dar:<br><br>Indirizz Ta' l-Uffiċċju: | Firma:<br><br>Data: | | |

Jekk ir-rakkomandazzjoni qed issir f'isem organizazzjoni:
Isem ta' l-Organizazzjoni:
Indirizz ta' l-Organizazzjoni:

Għandhom jingħataw ukoll l-ismijiet u l-indirizzi ta' persuni/organizazzjonijiet li jistgħu jikkonfermaw ir-rakkomandazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| 1. Isem u Indirizz: | 2. Isem u Indirizz: | 3. Isem u Indirizz: |

# PREPARAZZJONI U SOTTOMISSJONI TA' NOMINI GĦAL UNURI, DEKORAZZJONIJIET U GĦOTJIET

## INFORMAZZJONI ĠENERALI

Skond l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta jista' jagħti unuri, dekorazzjonijiet u għotjiet lil ċittadini Maltin li jkunu ddistingwew irwieħhom f'oqsma differenti ta' abiltà.

Dan l-għarfien speċjali isir mill-President fuq il-parir tal-Prim Ministru. Kumitat tan-Nomini huwa mwaqqaf bil-liġi biex jipproponi kandidati lill-Prim Ministru. L-unuri, dekorazzjonijiet u l-għotjiet huma: Membru tax-Xirka, Ġieħ ir-Repubblika (SG); Membru ta' l-Ordni Nazzjonali tal-Meritu fi grad ta' Kumpann ta' l-Unur (KUOM), Kumpann (KOM), Uffiċjal (UOM), u Membru (MOM); Midalji tar-Repubblika li huma: Midalja għall-Qadi tar-Repubblika, Midalja għall-Qlubija, Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti u Midalji ta' Tifkira Nazzjonali li jingħataw taħt Regoli apposta.

### BAŻI GĦAN-NOMINA

Kull ċittadin Malti jista' jiġi propost għal għotja u din in-nomina tista' ssir minn kull individwu, organizazzjoni komunitarja, għaqda professjonali jew grupp simili. L-għotjiet jistgħu jsiru għal servizz speċjali lil Malta jew għal servizz lil xi lokalità partikolari jew qasam ta' attività jew lil grupp partikolari fil-komunità.

### KIF TIPPREPARA NOMINA

**Il-Formola tan-Nomina:** Din il-Formola tan-Nomina tista' tinkiseb minn wieħed mill-indirizzi murija hawn taħt. Il-formola titlob dettalji personali essenzjali sew ta' min jiġi nominat kif ukoll ta' min jinnomina u għandha timtela kollha kemm hi.

**Sottomissjoni:** Is-sottomissjoni għandha issir billi wieħed jagħti d-dettalji kollha tas-servizz ta' min ikun nominat. Meta tkun qiegħda tiġi ppreparata s-sottomissjoni wieħed għandu jinnota dan li ġej:-

- Is-sottomissjoni għandha tkun miktuba b'ittri kbar jew bit-*typewriter*.
- Rari huwa biżżejjed il-vojt li hemm għad-dettalji dwar is-servizz iżda m'għandhomx jintbagħtu aktar minn paġna sħiħa jew tnejn.
- Huwa mportanti li jintwerew sew il-kisbiet ta' min jiġi nominat waqt li jkun fil-kariga. Dawn għandhom ikunu dettaljati kemm jista' jkun.
- Kronoloġija ta' ħatriet mhix biżżejjed, iżda huwa mportanti li jintwerew id-dati relevanti għall-oqsma prinċipali tas-servizz.
- Meta persuna tkun imdaħħla f'ħafna oqsma ta' attivitajiet normalment l-aħjar huwa li wieħed jagħżel 3 jew 4 attivitajiet prinċipali u jagħti d-dettalji relattivi. Għandhom jissemmew l-attivitajiet l-oħra, imma mhux fid-dettal sħiħ.
- Is-sottomissjoni għandha tikkonċentra fuq attivitajiet ta' l-aħħar 5 snin. Suċċessi oħra ta' qabel huma ġeneralment meħtieġa biss bħala sfond ta' informazzjoni.
- Is-sottomissjoni għandha tindika ċar jekk is-servizz kienx onorarju jew impieg bi ħlas.

*Referees:* Bħala parti mis-sottomissjoni wieħed għandu jagħti lista ta' tlett *referees* li **jistgħu jiġu** avviċinati mill-Kumitat tan-Nomini. Ir-*referees* iridu jkunu jafu sew ix-xogħol ta' min jiġi nominat. Għandu jiġi nominat *referee* għal kull aspett tas-servizz muri fis-sottomissjoni jekk iktar minn qasam wieħed ta' abiltà hu nvolut.

**Ittri ta' Tisħiħ:** Ittri biex isaħħu n-nomina **m'humiex** meħtieġa mill-Kumitat tan-Nomini.

### SOTTOMISSJONI TA' NOMINI

Jistgħu jintbagħtu sottomissjonijiet meta wieħed irid iżda m'hemm l-ebda garanzija illi persuna tista' tiġi kkunsidrata għal xi għarfien speċjali jew għal għotja f'xi sena partikulari. Il-ħatriet u l-għotjiet jiġu mħabbra fit-13 ta' Diċembru, Jum ir-Repubblika, ta' kull sena.

Is-sottomissjoni sħiħa għandha tintbagħat lil:

Iċ-Chairman
Kumitat tan-Nomini għal Unuri, Dekorazzjonijiet u Għotjiet
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
VALLETTA

L-*envelope* għandu jkun immarkat b'ittri kbar "NOMINAZZJONI-STRETTAMENT KUNFIDENZJALI"

### AKTAR INFORMAZZJONI

Aktar informazzjoni, flimkien ma' formola tan-nomini, jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Berġa ta' Kastilja, Valletta, jew billi wieħed jikteb liċ-Chairman tal-Kumitat tan-Nomini fl-indirizz t'hawn fuq.

**Din il-formola tista' tinkiseb ukoll bl-Ingliż.**
***This form is also available in English.***

AQLEB WARA